# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024**

**Numru 5**

**Rikors Numru 1044/18**

**Mary Vassallo I.D. 329967(M) u zewġha Joseph Vassallo I.D. 545461(M).**

**vs**

**(1) Prof. Godfrey Laferla M.D., MRCS (Eng) LRCP, FRCS Medical Council Number: 1939;**
**(2) Dr. Ayman Mostafa Medical Council Number: 3641;**
**(3) CEO, Mater Dei Hospital;**
**(4) Ministeru tas-Sahha;**
**(5) Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tas-Sahha;**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mary Vassallo u żewġha Joseph Vassallo (l-Atturi) tat-23 ta' Ottubru 2018 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

1. ILLI fil-21 ta` Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-attriċi Mary Vassallo kienet sottoposta għal intervent kirurġiku (vide Dok A – Case Summary) ta` *Laporoscopic converted to open Cholecystectomy* (u ċioe surgical removal of the *gallbladder*) li nżamm ġewwa l-Isptar Mater Dei taħt il-kura tal-Professur Godfrey Laferla;

2. ILLI wara din l-operazzjoni, l-irkupru ta` l-attriċi kif ukoll il-ġerħa li kellha fejn saret l-operazzjoni ma bdewx juru s-sinjali ta`fejqan li kien mistenni fejn b`mod partikolari, il-ġerħa li kellha fejn kellha l-punti (l-*operative scar*) wara din l-operazzjoni,fil-ġurnata li kienet ħarġet mill-isptar, filagħxija spiċċat il-Health Centre tar-Raħal Ġdid peress li l-ferita fuq żaqqha biex tnixxi, u wara saret taf li kienet il-materja (puss) tant li dak in-nhar inqalgħu numru ta`punti (staples) sabiex in-nixxja tkun tista` toħroġ sew;

3. ILLI matul dan il-perjodu l-attriċi kienet tattendi kuljum, saħansitra sa darbtejn (2) kuljum, il-Health Centre ta` Bormla sabiex il-ferieta tinżamm nadifa mill-materja (puss) peress li kienet qedha tintela bil-materja (puss) ta` spiss, oltre li l-atriċi kienet ukoll mitluba mill-Health Centre ta` Bormla,tattendi l-E&A tal-Isptar Mater Dei għal darba, darbtejn;

4. ILLI sussegwentament,l-attriċi kienet tattendi għal appuntamenti mediċi kull nhar t` Sibt l-Isptar Mater Dei u dan mat-tim mediku ta` Professur Godfrey Laferla u wara kienet tkun riferuta għat-*Tissue Viability Unit* fl-isptar stess (vide Dok C "*Appointments*") b`istruzzjonijiet lil tal-Health Centre ta` Bormla dwar kif kellha titnaddaf u x`*packing* kellu jsir għall-ferita biex tkun indirizzara l-*bacteria* (vide Dok B intitolat "*Continuity of Nursing Care Form*" datata 29 ta`Novembru 2014 kif ukoll dok D u E Case Summary datat 9 ta` Diċembru 2014 kif ukoll "*Continuity of Care Form*", kif ukoll Dok F,G.H,I,J,K u L rispettivament);

5. ILLI fil-frattemp, l-attriċi kienet u baqgħet tħossha dgħajjfa ħafna, mingħajr saħħa u ma setgħetx tkompli b`ħajjietha normali mal-familja tagħha kif kienet tagħmel qabel l-intervent;

6. Illi l-attriċi tant kienet sejra lura f` saħħietha, illi fl-erbgħa (4) ta` Frar, tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-attriċi kienet mitluba mill-Health Centre ta`Bormla sabiex tagħmel *ultrasound* u meta marret l-Isptar Mater Dei s-Sibt ta` wara, l-attriċi kienet speċifikament mitluba mit-tim mediku ta` Professur Godfrey LaFerla, biex ma tmurx aktar lejn l-Isptar Mater Dei;

7. ILLi eventwalment is-Sibt ta` wara u ċioe fl-erbatax (14) ta` Frar, tas-sena elfejn u ħmistax (2015), ċirka tlett (3) xhur wara l-intervent kirurġiku tal-21 ta` Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), meta l-attriċi marret għas-solita viżita l-Health Centre ta`Bormla, hija kienet ferm sorpriża u b`qata kbira fuqha,meta waqt it-tindif tal-feirta,in-nurse permezz ta` pinzetta, induna li kien hemm xi ħaġa ġol-ferita tal-attriċi u fill-fatt, in-nurse ħareġ

parti mill-oġett li l-attriċi kellha fil-ferieta li wassal l-attriċi jkollha *panic attack* b`ħass ħażin kbir fuqha;

8. Illi wara li l-attriċi rrifjutat li tmur l-Isptar Mater Dei b`ambulanza kif kien lilha ssuġġeriet fil-Health Centre ta`Bormla minħabba l-*panic attack* li taha dak il-ħin, in-nurse spiċċa jagħmel użu mill-pinzetta li permezz tagħha ħareġ il-kumplament ta` *swab* kbira ossia Garża ta` daqs ta` għaxar pulizieri b għaxar pulzieri (Vide kopja tar-ritrattti annessi Dok : M- kopja tar-Rappost tal-Ispiżjara Dr Marisa Cassar) mill-istonku tal-attriċi li mas-*swab* ħareġ ħafna demm u materja(*puss*);

9. ILLI sussegwentament, wara li tneħħiet il-*foreign body* mill-istonku tagħha, l-attriċi kienet mitluba tmur l-Isptar Mater Dei b`referral minn nurse inkarigat (Vide Dok N) speċifikament "*a swab removed from operation site*…" kif ukoll biex isir "*CT scan to exclude more swabs inside as advised*" u fil-fatt,l-attriċi ġiet ammessa l-Isptar Mater Dei fejn skont ir-rapport mediku data sbatax (17) ta` Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) (Vide Dok O), kien stabilit li l-attriċi kellha "*a 3 month history of wound debisecence*" bi problema ta "*persisting oozing* ", appuntu minn wara l-intervent kirurgiku tagħha tal-21 ta Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014);

10. ILLI għalkemm l-attriċi ġiet dikjarta *fit for discharge* fis-sbatax (17) ta` Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-irkupru fiżiku tagħha baqa wieħed batut tant li l-attriċi baqgħat issofri minn sintomi ta` nuqqas ta` saħħa, psikoloġikament imkissra minħabba dak li hija għaddiet minnu li ħalla trawma fuqha illi tbati minnha sal-lum, ikollha tieħu pilloli biex torqod, tħossha dipressanti, b`limitazzjonijiet fiżiċi inkluż tindif u xogħol ieħor tad-dar;

11. ILLI ftit wara l-attriċi kienet ħarġet mill-isptar, hija nnotat li kellha nefħa bl-uġiegħ fejn kellha l-qasma riżultanti mill-intervent kirurġiku preċedenti u fl-aħħar, għamlet kuraġġ u fl-14 ta` Awissu,2015 marret għal vista` għand it-tabib Dr Stephen Spiteri li wara li eżaminaħa,iċċertifika (vide kopja taċ-ċertifikat anness u mmarkat bhala Dok P) li l-attriċi kellha *incisional hernia* tant li fit-22 ta` Jannar 2016, l-attriċi kellha tiġi sottoposta għal intervent kirurġiku ieħor, din id-darba ta *elective incisional Hernia Repair* minħabba ftuq soffret u definit bħala *abdominal incisional hernia* li kien ġie identifikat fl-istess parti tal-istonku fejn kienet saret il-*Gall bladder operation* indikata aktar kmieni;

12. ILLI fil-fatt, l-attriċi kienet eżaminata mill-Consultant Surgeon Mr J. E. Abela wara li kien mitlub jagħmel hekk sia mic-*Chairman Surgery* u sia mis-Ceo Mater Dei u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikazzjoni maħruġa mill-imsemmi *Consultant Surgeon* sopra`ndikat, kopja annessa u mmarkata bħala Dok Q li jispjega li l-attriċi kellha tkun sottoposta għall-intervent tal-ftuq permezz ta` "*open hernia mesh repair*";

13. ILLI minkejja din t-tieni operazzjoni (vide kopja tal-case summary meta l-attriċi daħlet l-Isptar Mater Dei f 22 ta` Jannar 2016,anness u market bħala Dok R), l-attriċi baqgħat xorta waħda tbati minn diversi sintomi b`mod partikolari nefħa (*epigastric swelling*) li tikkawżalha skumdita` kontinwa b`mod partikolari meta tagħmel xi sforz jew sempliċement tisgħol u dan miżjud ma` l-isfeġju visibbli li l-istess ġerħa baqgħat tidher (vide numru ta` ritratti meħudin minn binha annessi u mmarkati bħala Dok S1 sa S5);

14. ILLI riżultat ta` dan kollu l-attriċi spiċċat l-anqas biss tista `tagħmel faċendi sempliċi bħall ħasil ta`l-art, ħasil ta` twieqi u ħasil ta` ħwejjeġ, bil-konsegwenza li kellha tirrikorri għal għajnuna ta` żewġha, tat-tfal tagħhom, ta` omm l-attriċi u xi ġirien;

15. Illi konsegwenza ta` dan kollu u konsegwenza ta l` interventi kururġiċi,visti u medikazzjoni li l-attriċi kellha, l-attriċi soffriet debilita` sejra fiżika li affetwatilha ħajjitha b`mod permanenti kif ukoll soffriet sfreġju permanenti fuq saqqa li huwa wieħed li ġab miegħu kemm debilita` fiżika kif ukoll waħda viżwali u estetika, u preġudizzju serju għall-kwalita ta` ħajja tagħha u ta` familtha, fil-waqt li l-atturi flimkien qed isofru minn diversi spejjeż mediċi u telf ieħor finanzjarju konness ma` din is-sitwazzjoni kif ser jirriżulta f`aktar dettal matul il-mori ta` din il-kawża;

16. ILLI fil-fehma ta` l-atturi, ir-responsabilita` għal din is-sitwazzjoni taqa` primarjament fuq is-*surgical team* li kien ħa ħsieb l-ewwel operazzjoni ta` l-attriċi fil-21 ta` Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) kif imexxi mill-Profs. Godfrey Laferla u kif assistit mill-Kirurgu Ayman Mostafa kemm minħabba l-fatt li tħalla *foreign body* fl-istonku tagħha,kif ukoll minħabba *l-abdominal incisisional hernia* li kien ġie identifikat fl-istess parti mill-istonku fejn kienet saret din l-operazzjoni u minħabba l-kumplikazzjonijiet kollha li soffriet u għadha qed issofri sal-ġurnata tal-lum minħabba dak kollu hawn fuq espost, liema ċirksotanzi huma riżultat ta` traskuraġni, imperizja, nuqqas ta` ħila fl-arti u fil-professjoni, non-kuranza u negliġenza li ġew kommessi waqt l-intervent kirurġiku li l-attriċi kienet sottoposta għalih fil-21 ta` Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014);

17. ILLI nonostante li l-awtoritajiet responsabli mill-Isptar Mater Dei ġew interpellati biex jillikwidaw u jħallsu kumpens xieraq lill-attriċi minħabba dak kollu li hija għaddiet minnu, l-attriċi kienet offruta somma miżera ta` għoxrin elf Ewro (€20,000) li tikkontrasta sew ma` dak konstatat mill-Kirurgu Dr Frank Portelli ta` sittin fil-mija (60%) disabilita` permanenti wara li eżamina lill-attriċi u ħejja rapport *medico legale* li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok T;

18. ILLI din il-kawża kellha titmexxa proprju stante li minkejja li l-konvenuti ġew interpellati biex iwieġbu għan-nuqqasijiet tagħhom u biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta` danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi, skont l-ittri

uffiċċjali datati 20 ta` Ottubru,2016 15 ta` Novembru 2016 u l-aħħar waħda 8 ta` Ottubru, 2018, il-konvenuti baqgħu nadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

GĦALDAQSTANT, tenut kont ta` dak kollu premess f`dan ir-rikors ġurament u dak kollu li għandu jirriżulta matul il-mori ta` din il-kawża, l-atturi qed jitolbu umilment sabiex din l-Onorabbli Qorti:

1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti huma ħatja solidalment jew individwalment fil-porzjon rispettiv li jkun imputabbli għalihom, għan-nuqqasijiet tagħhom kif ġew elenkati f`dan ir-rikors ġuramentat li ġew kommessi waqt l-intervent mediku li l-attriċi Mary Vassallo kienet sottoposta għalih fil-21 ta`Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) minħabba traskuraġni, imperizja, nuqqas ta` ħila fl-arti u fil-professjoni, non-kuranza u negliġenza eserċita waqt l-istess intervent kirurġiku;

2) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti jew minnhom huma responsabbli għad-danni kollha sofferti in konnessjoni mad-debilita` ta` saħħa li sofffriet l-attriċi konsegwenza tan-nuqqasijiet u negliġenza kommessi minnhom kif indikat fit-talbiet preċedenti, solidalment jew individwalment fil-porzjon rispettiv li jaf ikun imputabbli għalihom kif hawn fuq indikat;

3) Tillikwida favur l-atturi d-danni sofferti minnhom konsegwenza tan-nuqqasijiet kollha imputabbli lill-konvenuti, jew min minnhom,direttament jew direttament, solidalment jew individwalment, skont ma jirriżulta matul il-mori ta` din il-kawża u dan tenut kont kemm tad-danni sa issa sofferti kemm bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans* kif ukoll danni u spejjez futuri konnsessi mat-telf jew spejjez kolha li l-atturi ser ikunu qed isofru minħabba dak kollu ndikat f` din il-kawża, bil-ħatra ta` esperti nominati mill-Qorti għal dan il-għan skont ma jkun meħtieġ;

4) Tordna konsegwentment għal dak hawn fuq mitlub u tikkundanna lil-konventui jew min minnhom jħallsu lill-atturi solidalment jew individwalment fil-porzjon rispettiv li jaf ikun imputabbli għalihom għan-nuqqasijiet tagħhom, is-somom hekk likwidati u li għandhom jiġu likwidati favurihom a tenur ta` l-istess talbiet.

   Bl-ispejjeż ta` dawn il-proċeduri kontra l-istess konvenuti li qegħdin minn issa jiġu nġunti għas-subizzjoni inkluż l-ispejjeż ta` l-ittri uffiċjali datati 20 ta` Ottubru 2016, 15 ta` Novemrbu 2016 u 8 ta` Ottubru 2018, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi dekorribbli mid-data ta` l-eventwali sentenza sad-data ta` l-eventwali ħlas.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Profs Godfrey Laferla, Dr. Ayman Mostafa, CEO Mater Dei Hospital, Ministeru tas-Saħħa u s-Segretarju Permanenti (il-konvenuti) tat-28 ta' Novembru 2018 li permezz tiegħu wieġbu u eċċipew is-segwenti:

Illi preliminarjament il-Kap Eżekuttiv Sptar Mater Dei, Is-segretarju Permanenti u il-Ministeru tas-saħħa ma humiex leġittimi kontradituri stante illi ħadd minnhom ma opera lir-rikorrenta u lanqas ma kien parteċipi fil-kirurġija illi allegatamnt tat lok għal allegat dannu reklemat mir-rikorrenti u dana kif jirriżulta inekwivokalment mill-premessi tar-rikors promotur innifsu u għalhekk għadhom jiġu illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess l-intimat Profs.Godfrey Laferla lanqas ma huwa leġittimu kontradittur stante illi l-intervent li sar fil-21 ta` Novembru,2014 ma sarx minnu u lanqas taħt id-direzzjoni tiegħu għalhekk huwa għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrent Joseph Vassallo ma għandu ebda *locus standi* f` dawn il-proċeduri stante illi l-intervent sar fuq ir-rikorrenta Mary Vassallo u għalhekk ma kien hemm ebda "*duty of care*" dovut lejn dan ir-rikorrent.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess l-intervent illi sar fuq ir-rikorrenta magħruf bħala *Cholecystectomy* sar mil-kirurgu Ayman Mostafa, kirurgu ikkwalifikat, liema kirurġija saret *secundum Artem* b` osservazzjoni ta`regoli u prinċipji kirurġiċi. Dan l-intervent sar in linea ma l-istandard ta` kura mistenni u għalhekk dan il-kirurgu lanqas ma jirrispondi għall-allegati danni pretiżi mir-rikorrenta u jirrespinġi l-allegazzjonijiet kollha tagħha in *toto.*

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess l-allegazzjoni illi tħalliet Garża f`żaqq ir-rikorrenta qed tiġi respinta fit-totalita tagħha stante illi kif ġia ingħad qabel il-proċeduri kirurġi ġew segwiti b` reqqa u l-inċizzjoni ta` l-operazzjoni ingħalqet biss meta kien konfermat illi l-għadd tal-garżi kien korrett.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess qed tiġi respinta l-allegazzjoni illi l-operazzjoni ta` ftuq illi saret sussegwentament kellha issir għax l-operazzjoni illi għamel il-Kirurgu Ayman Mostafa ma saritx sew. Din l-allegazzjoni hija għal kollox infondata u bla bażi.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess l-inċizzjoni ta` l-operazzjoni tal-ftuq saret fuq l-istess sit ta` l-operazzjoni illi saret mill-Intimat Kirurgu Ayman Mostafa u għalhekk l-allegazzjoni illi dan l-intimat

jirrispondi wkoll għal dan l-allegat sfreġju hija bla bażi u qed tiġi respinta u dana wkoll għax huwa ma kienx il-kirurgu illi għamel l-operazzjoni tal-ftuq. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess l-allegazzjoni illi l-intimati kirurgi Profs.Godfrey Laferla u Ayman Mostafa huma responsabbli għal *abdominal incisional hernia* hija allegazzjoni azzardata u bla bażi u mhux fondata u għalhekk għandha tiġi respinta fit-totalita tagħha.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess kwalisasi offerta illi saret kienet mingħajr preġudizzju u b`ebda ammissjoni ta` xi tort jew ħtija da parti ta` l-intimati u għalhekk kwalisasi referenza għaliha hija barra minn lokha f`dawn il-proċeduri u għandha tiġi skartata.

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess ħadd mill-intimati ma jirrispondi għad-danni pretiżi stante illi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet vantati fil-konfront tagħhom huma għal kollox infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Salv eċċezzjonijet oħra.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-attriċi ssottomettiet lilha nnifisha għall-operazzjoni tipo 'keyhole', sabiex tneħħi l-marrara (*gallbladder*). Din l-operazzjoni saret fil-21 ta' Novembru 2014 mit-team mediku tal-konvenut Laferla. Jidher li fil-kors ta' din l-operazzjoni, il-konvenut Mr. Ayman Mostafa, li kien qiegħed jagħmel din l-operazzjoni, iltaqa' ma xi ostakoli u kellu jikkonvertiha għal waħda ta' "open surgery".

Wara l-operazzjoni l-Attriċi għamlet xi jiem l-isptar taħt osservazzjoni u fl-24 ta' Novembru 2014 ġiet mibgħuta d-dar (*discharged*). Dakinhar stess filgħaxija kellha tmur il-Health Centre ta' Raħal Ġdid peress li l-ġerħa li kellha f'żaqqha bdiet tnixxi. B'konsegwenza ta' hekk tneħħewlha l-punti li kienu saru bl-'istaple' sabiex tkompli ħierġa l-materja.

Għal xi perjodu l-Attriċi kompliet tattendi fil-polikliniċi sabiex inaddfulha l-ferita. Minkejja kura kontinwa ta' ferita, l-Attriċi ħassitha dejjem sejra lura, bla saħħa u li ma tistax twettaq il-ħajja normali ta' mara tad-dar u tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-familja bħal ma kienet tagħmel qabel l-operazzjoni fuq imsemmija.

Minħabba f'hekk reġgħet marret Mater Dei biex isirilha CT scan biex jaċċertaw li ma kienx fadal xi '*foreign body'* ieħor fl-Attriċi. Minkejja li reġgħet ġiet mibgħuta d-dar (*discharged*) fis-17 ta' Frar tal-2015, saħħitha xorta ma ġietx lura sakemm intebħet li kellha nefħa fejn kellha l-ġerħa li kienet ħalliet warajha l-operazzjoni fuq imsemmija. Wara li kellmet lit-tabib Stephen Spiteri u ċċertfika li kellha '*incisional hernia'* reġgħet ġiet sottoposta għal operazzjoni oħra fit-22 ta' Jannar 2016. Dan il-ftuq jidher li ħareġ fejn kienet saret l-operazzjoni l-oħra tal-marrara. Din l-operazzjoni saret minn Mr. J. E. Abela. B'dana kollu l-Attriċi baqgħet xorta ssofri peress li s-sintomi baqgħu jippersistu partikolarment il-presenza ta' din in-nefħa, li hija magħrufa bħala '*epigastric swelling'.*

B'konsegwenza ta' hekk, l-Attriċi sofrit id-danni u ħajjitha inbiddlet ta' taħt fuq. Għalhekk kellha tagħmel din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

Huwa manifestament ċar li l-Atturi qed jimpostaw l-azzjoni tagħhom għal danni naxxenti minn danni mħux aquiljani, iżda dawk ix-xorta ta' danni ta' natura kuntrattwali u dan għar-raġunijiet li ser ikunu spjegati aktar 'l isfel.

A propositu ta' dan, il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Busuttil -vs- Emmanuel Schembri deċiża fid-19 ta' Frar 1954**. F'dan il-każ il-Qorti spjegat li wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiljana, voldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. Din il-Qorti rriteniet li fatt ta' negliġenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun 'non factum' jew anke 'male factum' ma tistax tkun kolpa aquiljana imma 'damnum injuria datum' li jista' isir fl-okkażżjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ċċitat lil Laurent li jgħallem "*Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone ... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario*".

Għalkemm id-danni jitwieldu minn inadempjenza kuntrattwali, dan ma jfissirx li din il-Qorti m'għandhiex teżamina l-għemil tad-debitur, fil-każ tal-lum tal-konvenuti, biex tiskopri jekk urewx dik id-diliġenza neċessarja fl-operat tagħhom di fronte ta' l-Attriċi, kull wieħed minnhom fil-mansjonijiet

rispettivi tiegħu. Xorta huwa mistenni minnhom li jaġixxu bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja.

Tibqa' għalhekk applikabbli n-norma ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Di fatti fis-**Sentenza fl-ismijiet Arthur George Lambert et -vs- Anthony Buttigieg pro et noe et deċiża fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110)** intqal li "*ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u ħtija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kważi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha żewġ azzjonijiet – dik nascenti minn ħtija contrattuale u dik nascenti minn ħtija extra contrattuale."*

Min-naħa l-oħra huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mħux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti u nislet din il-konklużjoni. Dak li qed tilmenta minnu l-Attriċi, mhux wisq il-ħila u sengħa ta' min wettaq l-operazzjoni, iżda t-traskuraġni relatat ma nuqqas ta' ħsieb u kura waqt il-protokoll li kellu jkun segwit waqt l-operazzjoni għaliex qatt ma messha tħalliet fiha l-garża li tant tissemma' f'din il-Kawża. Għalhekk hija pjuttost nuqqas fl-amministrazzjoni

u organiżazzjoni tal-mod kif kienet kondotta l-operazzjoni. Ma hemm ebda dubbju li kien żball uman li żgur m'għandiex tħallas għalih l-Attriċi.

Il-punt ċentrali huwa dak meta l-Konvenut Mostafa, li kien is-'surgeon' li qed jagħmel l-operazzjoni ħass li kellu jaqleb minn '*key hole operation'* għal waħda '*open surgery'*. Il-konvenut Laferla jixhed, "*jiena ma ħadt l-ebda parti fl-operazzjoni li kien hemm. Ma kontx parti fl-operazzjoni. Jiena għandi numru, jiena għandi assitent li huwa speċjalista li kien assenjat miegħi, u dik il-ġurnata kiem imissu jagħmilhom hu l-operazzjonijiet*" (a' fol 672). Ikompli jispjega li "*F'dan il-każ kienet ħarġet nurse issibni biex tgħidli jew biex tinfurmani illi Mr Mustafa ma jistax jagħmilha by keyhole surgery. And għedtilha li jekk dan ħuwa fl-aħjar interess jagħmluha hekk*". (a' fol 673 tergo). Min-naħa l-oħra skond il-konvenut Mostafa, il-konvenut Laferla *"...was going in and out during the surgery, Not all the time of the surgery but he came in and out several times … and I ask his opinion when I converted to open surgery from laporoscopic* ". (Ara a' fol 556).

Issa dawn il-Qrati jgħallmu li "*Supratendent tal-istess, fosthom dik li jara u jassikura li jkun hemm konsulent ieħor li jipprovdi "cover" veru u adegwat biex jara li pazjent mħux biss jiġi operat sew imma li wkoll jingħata kura "post-operative" serja u effikaċi"* (Ara **Sentenza tal-PA tat-12 ta' Diċembru, 2002 fl-ismijiet Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut -vs- 1. Chief Government Medical Officer. 2. Dottor Frank Bartolo M.D. f'ismu proprju u bħala Supretendent tal-Isptar San Luqa**).

Għalhekk il-konvenut Laferla ma jistax jeżonera lilu nnifsu minn kull responsabbilita', għaliex kif ipoġġiha ħu, ma kellux x'jaqsam mal-operazzjoni għax kien hemm il-konvenut l-ieħor Mostafa li qed jopera. Apparti li jidher ċar li kien ikkonsultat fit-tibdil tal-metodu ta' operazzjoni, huwa konsulent mhux għalxejn inkella x'konsulent hu. Għamel sewwa li kultant żmien daħal fit-teatru minn ħin għall-ieħor għaliex ħuwa dmir tiegħu li jara li kollox miexi sewwa.

Min-naħa l-oħra ma ssib xejn ċensurabbli filfatt li l-konvenut Laferla qabel li għandu jkun hemm operazzjoni miftuħa għaliex wara kollox qiegħda f'idejn persuna li apparti li kienet kompetenti, ħadt daqsha ma kien f'posizzjoni li jieħu l-aħjar deċiżjonijiet possibbli. Ma hux il-każ li bħala konsulent ta struzzjonijiet kontra l-parir tat-tabib li qed jopera u rriżulta li tali struzzjonijiet kienu ħżiena b'mod grossolan. Il-Qorti trid dejjem tfakkar, li fil-każ ta' operazzjonijiet mediċi, il-kriteji sabiex titkejjel in-negliġenza jew jekk sarux '*secundum Artem'* minn per eżempju sempliċi tiswija ta' vettura jew għoti ta' qatran fuq bejt. Mhux kull żball ta' tabib jammonta għal dak il-grad ta' responsabbilita' rikjesta mil-liġi biex jinżamm repoponsabbli għad-danni.

Di piu' din il-Qorti diġa' għamlet aċċenn għall-fatt, li minn ottika fattwali tal-każ, il-każ li għandha quddiemha huwa pjuttost nuqqas u negliġenza li tirrigwarda l-organiżazzjoni tal-operazzjoni, milli wieħed tat-twettiq tagħha per se'. Iżda biex dan ikun jista' jiġi apprezzat aħjar, l-ewwel irid ikun stabbilit, jekk dik il-garża kinitx tħalliet ġewwa waqt l-operazzjoni tal-21 ta' Novembru 2014. Dan qiegħed jingħad, għaliex kemm il-konvenut Laferla u

anke l-espert maħtur minn din il-Qorti qiegħdu fid-dubbju dan il-fatt. L-argument prinċipali huwa, li ma jistax ikun li garża daqshekk kbira ħarġet minn toqba daqshekk żgħira (ara a' fol 467 xhieda tal-konvenut Laferla u a' fol 638 tergo u 650 tergo eskussjoni espert tal-Qorti).

F'dan ir-rigward hija importanti l-ġurnata ta' meta jingħad li kienet skoperta din il-garża jew aħjar meta għamlet l-apparizzjoni tagħha. Dan ġara fl-14 ta' Frar 2015, il-ġurnata meta l-Attriċi marret il-Health Centre ta' Bormla u l-infermier li kien xogħol dakinhar, permezz ta' pinzetta ġibed 'l barra din is-swab.

Paul Micallef, l-infermier in kwistjoni li jirrakkonta "*Eventually ġiet il-poli klinik darba fost l-oħrajn u jien dejjem niflaxja biex taħsel il-ferita kemm jista jkun, din qed nimmaġina toqba ta' 1ċm fonda u naralha qisa biċċa sufa bajda u niftakarni ngħidliha Mary naħseb li llum ħa nfejqek għax sibt xi ħaġa u provajt naqbadha bil-pinzetta tal-plastic u ovvajment tiżloq għax tkun fil-fond u l-pinzetta, ġibt artery forceps qisha tnalja tikklippja u kif ġbidt hekk ħarġet biċċa swab żgħira ... Qiesu 4cm jew pulzier u nofs.*" (a' fol 310). Ikompli jixhed li kif kompla jfittex għal oħra u jispjega li l-oħra kienet "*Pied u nofs għax hi qisha encapsulated fil-materja allura ħarġet qiesha bżieq u jien dak il-ħin qiesu klikkja moħħi għax rajtha qiesha biż-żigarella blue, għedt din tat-Theatre u jien ħdimt theatre jiġifieri dik ħa tkun imwaħħla taħt il-fwied, għedt alla ħares ikollha interior bleeding dak il-ħin, qisni dawwartha laġemba għax dak il-ħin imbagħad I realised what could have gone wrong*."

(a' fol 312 u 525 tergo Emfażi tal-Qorti). Din l-iswab, ossia garża, tant kienet kbira, li kellu jpoġġiha ġo '*two metre container'* għax riduha (a' fol 314).

Jikkonferma dan kollu Mario Victor Vella l-infermier li kien il-poli klinika jassisti lil Paul Micallef (ara a' fol 512 tergo, 515 u 517 tergo). Paul Micallef ikompli jgħid li "...*kien hemm riħa pessima, riħa tinten bħal meta tkun fil-kampanja u jkun hemm kelb mejjet, dik riħa tinten u nittnet il-kamra*..." (a' fol 313). Qabel, dan l-infermier kien intebaħ li kien hemm xi ħaġa ġewwa u ġibed l-attenzjoni tal-konsulent "*kont għedtlu ċar u tond illi għedtlu there must be something in there"* għaliex minn osservazzjonijiet li għamel wasal għall-konklużjoni li l-materja li bdiet ħierġa kienet massiva (a' fol 313). Veru l-każ tas-sagristan jiftaħ għajnejn il-kappillan għaliex eventwalment din l-osservazzjoni rrejalizzat ruħha.

Dr. Miriam Wubbles mit-'Tissue Viabilty Unit' tispjega, li għalkemm fix-xogħol tagħhom bħal unit jużaw swabs, il-kobor tas-swab li ħarġet ma tintużax mill-Unit. Hi tgħid li "*Jekk għandek bżonn garża bħal dik fil-Unit tiegħi, sinjal li għandek ħafna bleeding u trid tmur fit-Theatre mħux fil-Unit*" (a' fol 389).

Skond eżami magħmul MLSB*io*DNA, datat 12 ta' Mejju 2015 irriżulta li l-profil ġenetiku li ħarġet mill-garża jaqbel mal-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun orali tal-Attriċi (a' fol 23 ara wkoll xhieda ta' Dr. Marisa Cassar a' fol 379). Ħadd mill-konvenuti ma talab li jikkontesta dan ir-rapport xjentifikament. Ma kien hemm xejn xi jżommhom milli jitolbu lill-Qorti biex taħtar espert ġenetiku biex jeżamina din il-garża. Kif dejjem irritenew dawn

il-Qrati fil-każ ta’ azzjonijiet ta’ filjazzjoni, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista’ tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta’ provi oħra (ara **Sentenza tal-PA tat-13 ta’ Lulju 2022 Rikors Ġuramentat Numru: 102/2021 AL fl-ismijiet: AB vs CD, Dr Jason Grima u l-Prokuratur Legali Ann Bartolo nominati b’Digriet tal-24 ta’ Mejju 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri ED, u Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**). Din il-Qorti ma tarax għalfejn m’għandiex tapplika dan it-tagħlim anke għall-każ li għandha quddiemha llum.

Għalhekk m’għandu jkun hemm ebda dubbju li din il-garża tassew kienet ġewwa l-Attriċi. L-argument dwar kif setgħet ħarġet minn toqba daqstant żgħira għandu l-korrollarju ta’ kif ser ikun spjegat li din il-garża kienet filfatt hemm. Li poġġietha l-Attriċi stess ma hux versomili. Li setgħu daħħluha l-infermiera tal-poliklinik lanqas ma hi versomili, anke jekk l-imsemmi Paul Micallef jgħid li l-ewwel ħarġet biċċa garża żgħira li ħasbuha xi waħda minn dawk li poġġewlha huma.

Anzi din il-Qorti m’għandha xejn ħlief apprezzament għall-interess professjonali li ħa dan l-infermier fil-pazjenta. Mhux biss kien antiċipa li għandha xi ħaġa kbira fl-intern, iżda saħansitra qagħad ikejjel u jqabbel samples biex jasal għall-konklużjoni li mill-ammont ta’ materja li bdiet ħierġa kien korrett f’dak li kien qiegħed jissuspetta (ara a’ fol 522). Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan xogħol li messu sar minn min huwa ħafna aktar kompetenti mill-infermier.

Kemm il-konvenuti u anke l-espert tal-Qorti in eskussjoni jgħidu li kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti, il-count kienet saret għalhekk ma jistax ikun dak li qed tallega l-Attriċi. Jibda biex jingħad li fil-'*post operational medical certficate'* hemm imniżżel hekk: " *No complications were reported*". Dan huwa datat 27 ta' Novembru 2014". (a' fol 8). Dan id-dokument intitolat '*Surgical Safety Checking'* hemm 'ticked' taħt il-parti bit-titolu Nurse Verbally Confirmed "*Completion of instrument, sponge, and needle counts*". Għal xi raġuni '*swabs'* per se ma jissemmewx (Emfażi tal-Qorti a' fol 131 u a' fol 482 l-istess dokument preżentat mill-konvenut Laferla). Sotto firmat hemm Prof Laferla u l-infermiera Marvic Vassallo datata 21/11/14. Biex jingħad kollox, fil-*post operational medical certficate* hemm imniżżel hekk: "*No complications were reported*". Dan huwa datat 27 ta' Novembru 2014". (a' fol 8). Filgħaxija stess ta' dakinhar ta' meta ġiet 'discharged' u cioe' fid-data imsemmija, l-Attriċi marret il-Health Clinic peress li l-ferita f'żaqqha bdiet tnixxi (ara premessa 2 tar-rikors ġuramentat a' fol 2 u dokument a' fol 11 u kif ukoll affidavit tal-Attriċi a' fol 91).

Huwa interessanti dak li tgħid l-infermiera Marvic Vassallo, scrub nurse, li kienet waqt l-operazzjoni. Din tgħid li ma jingħatawx courses dwar l-'*Istandarad Operating Procedures'* iżda li titgħallem *"as you go along*". Jitgħallmu mingħand l-anżjani (a' fol 552). Il-Qorti ssibha stramba ħafna kif xogħol daqstant sensittiv ma jingħata ebda taħriġ dwaru. Fil-fehma tal-Qorti dan iżid l-inċidenti li jittieħdu żbalji bħal dak li għandha quddiemha llum,

partikularment għal dawk l-infermiera li jkunu għadhom fil-bidu tagħhom fl-'operation theatre'.

Mitluba biex tgħid jekk qattx kien hemm każijiet bħal dawn ir-rirposta tagħha hija iva. Tispjega li "*Jew ikunu ingħaddew ħażin, il-count ħażin, jew inkella bi żball intermit (rect intesiet) xi swab fil-bin. Imma f'dan il-każ meta jiġri hekk, ħadt ma joħroġ mit-theatre, naqilgħu l-bins, kollox, u niftħu kollox, niftħu l-plastic mal-art biex ovvjament ngħoddu s-swabs ... waħda b'waħda u jkun hemm iktar minn żewġ par għajnejn jagħmlu l-counts*" (a' fol 554). Il-Qorti pjuttost taħseb li f'dan il-każ kien hemm '*count'* ħażin.

Imma finalment min ser ikun reponsabbli għall-'*count'* korrett? Mr. Ayman Mostafa, is-'surgeon' wieġeb, li dak iż-żmien tal-operazzjoni kien parti mit-team tal-konvenut Laferla (a' fol 358). "*Actually I am not involved in the count because I am usually closing or operating so there are two scrub nurses usually do the count, inform me and me agrees that it is ok and we wake up the patient. In this case we did a safety check list, the count is complete as conformed in the safety check list. So we did and they informed me that the count is complete and we close I supposed*" (a' fol 364 u ara wkoll xhieda tal-konvenut Laferla a' fol 474). Dan jgħid, li fir-rigward tal-count "*The operating surgeon or consultant is never involved in this process"* (a' fol 557).

Skond dokument intitolat NHS England Never Events List 2015/16 taħt il-parti intitolata '*Retained Foreign object post procedure'* jingħad hekk: "*Foreign object includes any items that should be subject to a formal*

*counting /checking process as the commencement of the procedure and a counting/ checking process before the procedure is concluded (such as swabs, needled, instruments and guide wires)*" (a' fol 64).

Il-Qorti tifhem għalhekk, li s-'*surgeon'* ikun qiegħed jikkonċentra fuq dak li huwa primarju u finalment esenzjali u ċioe' fuq l-operazzjoni per se' tal-pazjenta u bħala tali, l-għadd għalih huwa ħaġa sekondarja, li jridu jarawha l-'iscrub nurses'. Di fatti huwa joqgħod fuq l-għajta tagħhom biex jiddeċiedi jekk jagħlaqx lill-pazjent għax jassumi dejjem li hija korretta. Għalhekk huwa jiġi gwidat u mhux mistenni li jitlaq kollox minn idejħ biex jirrikonċilja x'ħareġ u daħal, għaliex għalkemm dan huwa eżerċizzju importanti huwa wieħed pjuttost amministrattiv.

Għalhekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li dan it-tabib m'għandu x'jaħti xejn għal dak li ġara u bl-istess mod il-konvenut Laferla. Il-Qorti di piu' tilmaħ mankanza fil-fatt li l-infermiera ma jinagħataw ebda taħriġ u li fil-formula tac-'check list' ma hemmx imniżżel speċifikament, kemm 'swabs' ħarġu u kemm daħlu. Lanqas biss jissemmew. Din ic-'check list', mhux it-tobba jew l-infermiera jħejjuha, iżda hija kwistjoni amministrattiva. F'dan ir-rigward il-Qorti tfakkar dejjem li "*La responsabbilita' dell'ente ospidaliero gestore di un servizio sanitario, nei kofnronti del privato, che ha richiesto il (ed usufruito del) servizio, ha natura contrattuale di tipo proferssionae."* (Ara **Giovanna Visintini, Trattato Breve Della Responsabilita' Civile, Cedam, 1996, pg 238**).

Pero' tajjeb li jingħad li minkejja s-'swabs' ma jissemmew xejn fil-formula stampata jibqa' l-fatt li skond id-dokument intitolat 'NHS England Never Events List 2015/16' taħt il-parti intitolata '*Retained Foreign object post procedure'* jingħad hekk: "*Foreign object includes anty items that should be subject to a formal counting /checking process as the commencement of the procedure and a counting/ checking process before the procedure is concluded (such* *<u>as swabs</u>, needled, instruments and guide wires)*" ( Emfażi tal-Qorti a' fol 64).

Għalhekk il-pass li jmiss li jkun ikkunsidrat jekk filfatt dan kollu kkawżax id-dannu li qed tilmenta minnu l-Attriċi. Jibqa' dejjem prinċipju bażilari li r-responsabilita` għall-fatt illeċitu ma ġġibx magħha bilfors passibilita` għad-danni: "*ovvjament azzjoni bħal din tirrientra f'dik l-iskema tar-responsabilità akwiljana u tippresupponi li d-danni ġew kaġjonati bħala konsegwenza immedjata ta' l-imġieba ta' l-awtur tad-danni. Jikkonsegwi li għas-suċċess tal-azzjoni intentata irid jirriżulta l-leżjoni tad-dritt tat-terz u li dan hu f'rapport kawżali dirett ma' l-att jew fatt"* (ara **Sentenza fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta -vs- Vella Group Limited et, appell Inferjuri, Ġunju 2006).** F'każijiet ta' din ix-xorta, trid tirriżulta l-prova biex, b'mod adegwat u konvinċenti, tikkreja n-ness ta' kawżalita` ta' fatt bejn il-kondotta ta' l-aġent u l-event dannuż. Hu wara kollox il-qofol tar-responsabilità extra kuntrattwali, jew akwiljana, illi għad-danni kawżati lit-terzi huwa l-awtur tal-leżjoni li għandu jwieġeb għar-riżarċiment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw.

Il-Qorti f'dan ir-rigward għandha żewġ posizzjonijiet kontrastanti. Hemm dik tal-espert minnha maħtur Mr. Gordon Caruana Dingli, fejn għalkemm ma tax tweġiba għal dan fir-rapport tiegħu xorta wieġeb in eskussjoni (a' fol 630 et seq). Jekk wieħed jagħsar dak li qal dan it-tabib, dan jindika li dak li qed issofri minnu l-Attriċi mhux kollu relatat mal-operazzjoni tal-14 ta' Novembru 2014. L-espert tal-Qorti jikkonkuldi li "*I award a disability of 15% but as discussed above, this is within what is expected after an open cholecystectomy and subsequent incisional hernia repair. <u>I cannot attribute this disability solely to the first operation which is being discussed in this Court</u>*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 621). In eskussjoni jgħid li kieku s-swab baqgħet ġewwa kien ikollha effett li toħloq id-deni, tikkawża uġiegħ u infezzjoni (a' fol 640). Pero' jgħid ukoll li dawn it-tip ta' gareż jintużaw għal operazzjoni serġika (a' fol 641 tergo).

Il-Qorti qieset ukoll dak li xehed it-Tabib Frank Portelli, li kif diġa' rilevat huwa wieħed riċerkat. F'rapport dettaljat tal-15 ta' Awwissu 2016 dwar x'sar u ta' dak li għaddiet minnu l-Attriċi dan it-tabib jikkonkludi fost oħrajn hekk:

"*Another surgical procedure to repair the hernia is possible but the risk is to great. I would certainly not advise this line of action ... The operation is likely to be unsuccessful as the defect in the abdominal wall has been caused mainly by erosion of the tissues in the anterior abdominal wall as well as nerves by intraabdominal abscess which itself was caused by the retained swab lying inside the abdomen for nearly three months ...The*

*abscess was only identified by a CT scan performed on 14th February 2015.*"

Jistabilixxi diżabilta' permanenti ta' 45% fiżika u 15% psikoloġika (a' fol 48, 49 u 50) li hija ħafna akbar minn dik mogħtija mill-espert tal-Qorti. Jagħmel ukoll osservazzjoni emfatika fis-sens "*I have seen no record stating that the swab and instrument count were pronounced correct in Mrs Vassallo's case.*" (a' fol 52). Skond dan ir-rapport "*Duty of care was breached, when a standard operating procedure, such as swab count, either was not performed or performed incorrectly ... the foreign body caused intra abdominal abscess ...over a period of three months eroded the tissues of the anterior wall and was responsibly firstly for incisional hernia (now repaired) as well as for the ventral hernia which is still present"* (a' fol 53). Issa l-Qorti tfakkar dak li qal Paul Micallef, li meta fetaħ il-ferita ħarġet riħa pessima bħal meta jkun hemm kelb mejjet fil-kampanja, indikazzjoni ċara li l-iswab kienet ilha żmien twil fl-Attriċi.

Dr. Frank Portelli ikkonferma dan ir-rapport bil-ġurament (a' fol 290). Mill-kontro eżami ta' dan ix-xhud jirriżulta li għamel riċerka estensiva (ara a' fol 598 et seq). Fil-kontro eżami jispjega tajjeb li "*Il-ġisem meta jara foreign body, jagħmel minn kollox biex joħroġħa. Jagħmel minn kollox. Jagħmel serum, jagħmel materja, minn kollox. Ma jħallix il-ferita tingħalaq, jekk hemm ferita jerġa' jiftagħha, tista' tkun skalda żgħira ... il-ġisem ma jaċċettahiex, hija foreign body. Din damet tliet xhur biex toħrogħa,*

*imbagħad kien hemm xi nurse hemmhekk li nduna, qal imma din x'inhi? U beda jiġbidha, jiġbidha u jiġbidha u ħariġha*". (a' fol 606 tergo).

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din is-sitwazzjoni u mill-ewwel tagħmel referenza għal dak li jiddisponi l-Artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' li "*l-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha".* Fis-**Sentenza fl-ismijiet Vella Carmel -vs- Sammut Victor tal-Prim'Awla per Imh. P. Sciberras, deċiża tat-18 ta' Frar 2004** li huwa paċifiku f' każijiet ta' din ix-xorta li l-ġudizzju tal-Qorti kellu neċessarjament ikun bażat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħħa mill-fakolta lilha konċessa b' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et, Appell Ċivili, tat-23 ta' Gunju 1967**).

Huwa minnu li skond l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. Dan pero` ma tistax tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li m'għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et nomine, Appell, tad-29 ta' Mejju 1998**). Anżi, ġie wkoll sewwa ritenut illi f' ċirkostanzi bħal dawn

ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dan mhux biss għax ma kellux il-meżżi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti teknići tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b' mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati (Ara **Sentenza fl-ismijiet Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine, Appell, tad-9 ta' Frar 2001**.)

Fis-Sentenza fl-ismijiet ***Champalin Company Limited -vs- Emmanuel Debono et tal-1 ta' Marzu 2004*** ingħad hekk:

"*Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux*".

Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha, madankollu l-ġudizzju dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli.

Issa l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-kawża u l-fehmiet kollha mediċi li għandha quddiemha. Il-Qorti ma tħossx li għandha tistrieħ fuq il-fehma tal-espert tagħha. Il-Qorti hi strakonvinta li dak li ġralha l-Attriċi kien b'konsegwenza tal-operazzjoni tal-21 ta' Novembru 2014. Għalhekk il-fehma tagħha hija ħafna aktar qrib għall-fehma ta' Dr. Frank Portelli milli tal-espert tagħha. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li hemm ness ta' kawżalita' bejn dik l-operazzjoni u l-ħsara li sofriet l-Attriċi.

Issa għalhekk imiss li jiġi stabbilit mingħandu jwieġeb għal din il-ħsara. Kwantu jirrigwarda lit-tobba, il-Qorti diġa' irrilevat li dawn m'għandhomx iwieġbu għalhekk ser ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Kwantu għall-Ministeru tas-Saħħa dan ukoll ser ikun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 181B(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jagħmilha ċara li "*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*". Dan l-artikolu ma jispeċifikax b'mod ċar jekk din ir-rappreżentanza hiex biss meta l-Gvern ikun Attur jew Konvenut. Għalhekk fis-silenzju tal-liġi għandha tinftiehem li hija fiż-żewġ okkażjonijiet. Kwantu min huwa l-Kap tad-Dipartiment f'din il-Kawża l-Qorti tgħid li kwantu għall-Ministeru tas-Saħħa huwa l-konvenut Segretarju Permanenti f'dan il-Ministeru u kwantu għall-Amministrazzjoni u tal-Isptar Meter Dei huwa l-konvenut. Għalhekk dawn iż-żewġ konvenuti ser jinżammu fil-ġudizzju.

<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>

Għalhekk issa jmiss li jiġu likwidati d-danni. Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (damnun emergens) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (lucrum cessans).

Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk: "*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont iddispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib*".

Pero' din il-Qorti tagħti wkoll importanza lill-prinċipju tar-'restitution ad integrum', fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli reali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita' permanenti, il-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fiħ qabel seħħ l-inċident.

Din il-Qorti ssejjaħ dan l-element bħala integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-'istatus

quo ante'. Jekk l-Attriċi kienet tipprattika sport, din ma hiex ser tagħmlu aktar, u jekk kellha l-ħila li jkollha żewġ impjiegi, issa bil-kemm wieħed jista' jkollha. Mhux ħtija tagħha li ma baqgħetx bniedma bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellha qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.

F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**). Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati **f'Butler -vs- Hurd**, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat.

<u>*Damnum Emergens*</u>

Dwar dawn ix-xorta ta' danni l-Atturi ma esebixxew ebda dokumenti. Di fatti propju taħt dan il-kap tad-danni fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom l-Atturi jirreferu għas-**Sentenza fl-ismijet Antonia bajada -vs- Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-11 ta' April 2024**, fejn dik il-Qorti f'każijiet simili xorta

tagħti somma 'ex equo et bono' għalkemm ma jkunx hemm prova ċara dwar dan ix-xorta ta' telf. Il-Qorti m'għanda l-ebda dubbju li għalkemm ma resqux provi f'dan ir-rigward xi xorta ta' spejjes żgur għamlu. Fost oħrajn il-Qorti tirreferi għad-diversi rappporti 'ex-parte' li ppreżentaw fosthom dak tat-Tabib Frank Portelli u dak ta' Dr. Ethel Felice (a' fol 467). Il-Qorti m'għandha wkoll ebda dubbju li spejjeż mediċinali minuri għamlu wkoll. Għalhekk il-Qorti qed tillikwida 'arbitrio boni viri' l-ammont ta' elf ewro (€1000) bħala damnum emergens.

*Lucrum cessans*.

Il-prinċipji prinċipali huma s-segwenti tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur.

L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attriċi ser tkun affettwata 'l quddiem fl-attivitajiet tagħha u f'saħħitha. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwardja l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-ġrad ta' inkapaċita' f'sens biss purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

Il-Qorti kif diġa' qalet ser tistrieħ fuq ir-rapport ta' Dr. Frank Portelli u mhux fuq dak tal-espert minnha maħtur. Għalhekk sa fejn jirrigwardja d-dannu fiżiku permanenti dan ser ikun ta' 40% kif stabbilixxa dan it-tabib (a' fol 47). Kwantu għad-dannu psikoloġiku din il-Qorti eżaminat ir-rapport ex parte ta' Dr. Ethel Felice datat 26 ta' Novembru 2020 (a' fol 467). Qrat ukoll b'reqqa l-eżami u l-kontro eżami ta' din it-Tabib (a' fol 465 u 492). Il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet ta' din it-tabib li l-Attriċi qed issofri minn 10% diżabilita' permanenti psikoloġika.

Għalhekk wara li din il-Qorti kkunsidrat id-diversi perċentwali mogħtija waslet għall-konklużjoni li fid-dawl tal-kontinġenzi elenkati mill-esperti tagħha u tobba prodotti ex-parte perċentwal ta' 45% ta' diżabilta' permanenti totali huwa adegwat.

Kif diġa' aċċennat, sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, sa fejn hu possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula"

perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċiment matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħiliet kollha u jagħmel xi attivitajiet, iżda mhux bilfors kollha, li kien iwettaq qabel l-inċident.

F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għall-bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol. Issa, jirriżulta b'mod ċar li qabel l-inċident l-Attriċi kienet bniedma ta' ċertu kapaċitajiet u ħiliet. Pero' minn diversi xhieda jidher li ħajjiet l-Attriċi ġiet affettwata għal għomorha fl-attivita' tagħha bħala mara tad-dar.

L-attriċi tirrakonta "*li ħajti nbiddlet ta' taħt fuq. Mhux biss spiċċajt batuta ħafna, nibki ta' spiss tali sfortuna li għaddejt minnha minħabba traskuraġni ta' min kien responsabbli waqt l-operazzjoni iżda wkoll ta' dawk li għaddew miegħi żewġi u uliedi u l-familja tiegħi ... Min mara għadejja l-ħin kollu, inlaħħaq mad-dar u mal-familja, spiċċajt li lanqas biss nista' nagħmel faċendi sempliċi bħal ħasil tal-art, ħasil ta' twieqi, u inxir tal-ħwejjeġ ... anke sempliċiment biex naħsel xagħri kont insib diffiċli u kienet tgħini nagħmel il-*

*hairdresser stess ... spiss inqum bil-lejl biex nittawwal lill-uliedi li jkunu reqdin u nehwden li stajt mort id-dinja l-oħra u ma narahomx iżjed dan il-ħsieb għadni ngħixu sal-lum*". (Ara a' fol 92 u fol 94 ).

Il-Qorti rat ukoll kif l-Attriċi hija wkoll afflitta mill-estetika tagħha. Biżżejjed wieħed iħares lejn ir-ritratti li ġew esebiti fil-kawża biex dak li jkun jifhem x'qed jingħad. Hija manifestament preokkupata li din ser taffettwalha anke l-ħajja matrimonjali ma' żewġha, dejjem bil-ħsieb li minħabba d-dehra tagħha ser jirreġġettaha. Anke fl-aktar ħaġa li kienet tħobb tagħmel ġiet affettwata: l-għawm (Ara para 18 a' fol 93 u para 22 a' fol 93). F'dan ir-rigward il-Psikjatra Nigel Camilleri, inkarigat mill-Atturi wkoll josserva li "*The main areas of disability would be her physical aspect where she syas is no linger strong enough to do the things she used to do before and the social aspect where she is somewhat self conscious of the scar and this might stop her from attending to certain things like going to swim"* (a' fol 347).

Ħafna minn dan kollu huwa kkonfermat minn sett ta' affidavits tal-familjari tagħha u kif ukoll mill-Hairdresser in kwistjoni (Ara a' fol 297 et seq). F'dan ir-rigward anke għamlu oservazzjonijiet importanti kemm Dr. Frank Portelli u anke Dr. Ethel Felice. Issa f'dan ir-rigward il-Qorti ħadet ukoll inkonsiderazzjoni tal-fatt inkontestat li l-isptar Mater Dei offrewlha kumpens ta' €20.000 (a' fol 95). Offerta li ma ġietx aċċettata mill-Attriċi għaliex ħasset li kienet adewgata u suffiċjenti. Fil-fehma tal-Qorti l-partijiet messhom qablu

li din titħallas mingħajr preġudizzju u li tkun irrifondibbli jkun xi jkun l-eżitu ta' din il-kawża.

Għalhekk anke in ommaġġ għall-prinċipju tar-'restitutio in integrum', minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, din il-Qorti għandha tagħti wkoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu. Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma u qed tikkonferma li din is-somma għandha tkun ta' (€5,000) kif fuq diġa' indikat u dan sabiex tagħmel tajjeb għall-effetti miserabbli li l-inċident ħalla' fuq l-Attriċi għall-bqija ta' ħajjitha.

Il-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata lill-Atturi jiġi kalkolat, ħija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "a figure somewhat less than the number of years for *which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of*

*estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (Ara **Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarbet il-ġrieħi u mhux minn dakinħar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma meta seħħ il-fatt dannuż u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012 il-Qorti** kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c- 'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx liddanneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun*

*ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.". 72. Issa din il-Qorti issib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih.*"

Minn eżami tal-provi ma jirriżultax li l-Attriċi kienet issofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulha ħajjitha. L-operazzjoni saritilha fil-21 ta' Novembru 2014. L-Attriċi llum hija mara tad-dar u għandha 56 sena u għalhekk kellha 47 sena meta għamlet l-operazzjoni (a' fol 90). Hi twieldet fil-15 ta' Awwisu 1967 (a' fol 117). L-eta' pensjonabbli għan-nisa hija dik ta' 64 sena. Dan ifisser li l-perijodu li għandu jittieħed in konsiderazzjoni huwa dak ta' 14 -il sena.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-'lump sum payment'. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-'lump sum payment' huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għaddha żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA tat-28 Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk iddanneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001 u 0% fil-kawżi Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici -vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15 -il sena.

Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari

jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidrilha li l-perċentwali ta' 16% bħala 'lump sum payment' ikun ġust.

Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevoment wieħed stabbli u fit-tul. Issa l-Attriċi hija mara tad-dar u ma kellhiex impjieg formali u fiss. Ġie rikonuxxut li għalkemm l-Attriċi ma kellhiex impjieg formali, ix-xogħol tagħha bħala mara tad-dar xorta għandu jkun valorizzat. Dan ġie rikonoxxut mill-Qarti tagħna (ara **Sentenza tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet Emmanuel Schembri u martu Filomena Schembri -vs- David Tanti** u kif ukoll **Muscat -vs- Buhagiar, Prim'Awla tal-15 ta' Lulju 1983**).

Il-Qrati tagħna irribadew il-prinċipju li mara tad-dar għandha dritt għall-kumpens u x-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku. Dan m'għandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali (Ara **PA GCD Ebejer vs Spiteri 16/12/97; Borg vs Zammit PA NA 22/3/99; Zammit vs Bezzina App 19/9/73; Apap vs Deġiorġio App 16/1/84; u Grech vs Briffa PA 21/2/97**). Issa l-valur tax-xogħol tal-mara tad-dar sfortunatament għadu mhux adegwatament rikonoxxut mill-leġislatur f'ħafna mill-liġijiet soċjali meta fil-fatt huwa kontribut li m'għandux prezz. Għalhekk b'sens ta' apprezzament lejn il-valur tax-xogħol tal-parti fiż-żwieġ li tibqa' id-dar biex tieħu ħsieb il-familja, din il-Qorti tħoss li għandu jkun applikat mhux il-

kriterju tal-paga minima iżda dak tal-paga medja li llum hija ta' €1700 fix-xahar.

Di piu' il-Qorti hija tal-fehma, li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni huwa dak li ser jingħata issa, dan ser jitlef il-valur magħruf bħala "*purchasing power*" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have"*. (Ara ***Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73***).

Issa r-rata ta' inflazzjoni għas-sena 2014 kienet ta' ċirca 5% skont il-Bank Ċentrali ta' Malta. Għalhekk l-ammont finali ta' danni ser ikun miżjud b'dan il-perċentwal. Għalhekk il-Qorti qed tillikwida s-segwenti:

€1700 (qliegħ fix-xahar x 12 (fis-sena) x 14 (aspettativa tal-ħajja multiplier = €285,600 – 16% (lump sum payment) = €239,904 * 45% (diżabilita' permananenti) = €107,957 + €1000 (damnum emergens) = €108,957 + €5000 (integrita fiżika) = €113,957 + €5,648 (inflazzjoni) = €119,605 (Ammont totali u finali tad-danni sofferti).

Kif ingħad aktar 'l fuq il-Qorti ser tkun qed tillibera lill-konvenuti Laferla, Mostafa, u Ministeru għas-Saħħa biex għalhekk jibqgħu fil-ġudizzju l-konvenuti CEO, Mater Dei Hospital fil-kwalita tiegħu premessa u kif ukoll is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa fil-kwalita msemmija.

Għall-attur żewġ l-Attriċi għalkemm strettament dan ma kienx jeħtieġ li jkun fil-ġudizzju xorta għandu interess inkwantu bejn l-Atturi teżisti l-kommunjoni tal-akkwisti iżda dan ser ikun mogħti lill-Attriċi u mhux lilhom it-tnejn.

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** limitatament għall-konvenuti CEO Mater Dei Hospital u Segretarju Permanenti u dan għar-raġunijiet spjegati aktar 'l fuq f'din is-Sentenza.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet** Attriċi u tillikwida bħalla kumpens għad-danni li sofriet l-Attriċi fl-ammont ta' mija u dsatax -il elf, sitt mija u ħames ewro (€119,605).

**Tilqa' ir-raba' talba** Attriċi u tikkundanna lill-konvenuti CEO Mater Dei Hospital u lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa u dejjem fil-kwalita' uffiċjali tagħhom, iħallsu lill-Attriċi s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effttiv. Din il-kundanna ma hiex qed issir b'mod solidali.

**Tillibera mill-osservanza tal-Ġudizzju** lill-konvenuti Laferla, Mostafa u Ministru tas-Saħħa.

Spejjes għall-konvenuti kkundannati għall-ħlas.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**